

## II-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 15.10.2014  
C(2014) 7494 final

Dr Anġlu Farrugia  
Il-President  
tal-Kamra tad-Deputati  
Il-Palazz  
MT – VALLETTA VLT 1115

Sur President,

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha dwar il-proposta għad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas ġuridiku tal-Unjoni għal ksur doganali u sanzjonijiet COM(2013) 884 final.*

*L-elementi tar-risposta mogħtija hawn taħt huma bbażati fuq il-proposta inizjali tal-Kummissjoni, li hija attwalment fil-proċess leġiżlattiv li tinvovi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fejn il-gvern tiegħek huwa rappreżentat. Huma ma jippreġudikawx l-eżitu ta' din il-proċedura u l-impatt tagħha fuq il-kontenut finali tad-Direttiva.*

*It-ħassib espress fl-Opinjoni hu li r-reġim ta' penali armonizzat propost huwa inflessibbli minħabba li dan ma jipprovd i-l-ebda ambitu għal diskrezzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja f'termini ta' kif wieħed iwieġeb għal ksur doganali. Hemm il-biża' li dan jista' jaffettwa b'mod sproporzjonat l-Istati Membri iżgħar, li jkunu obbligati jinstigaw proċeduri irrispettivamente mill-kosteffettività.*

*Il-Kummissjoni l-ewwel nett tenfasizza li l-għażla ta' strument legali (direttiva minflok regolament) għandha l-ġhan li tippermetti lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa mingħajr ma tikkomprometti l-obbligu legali tagħhom – skont l-Artikolu 4 tat-TUE – “sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jitwettqu”.*

*L-ġħan huwa li jiġi assigurat li l-istess tip ta' mgħiba li tikkostitwixxi ksur ta' regoli doganali tikkwalifika bħala l-istess tip ta' ksur madwar l-unjoni doganali u tiġi sanzjonata b'mod effiċċi, proporzjonati u dissważi, kif meħtieġ mill-Artikolu 42(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.<sup>1</sup> Għalhekk, id-Direttiva tipprovd għal lista komuni ta' ksur doganali u skali komuni ta' sanzjonijiet doganali, u b'hekk ikunu assigurati kundizzjonijiet indaqs għan-negozji Ewropej irrispettivamente minn fejn jagħżlu li jwettqu l-formalitajiet doganali. Fir-rigward ta' sanzjonijiet għalhekk id-Direttiva timponi fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultati, mingħajr ma tindaħal fil-mod kif dan l-obbligu jkun implementat f'termini ta' proċeduri amministrattivi*

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

*u ġudizzjarji. Imbagħad l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu s-sistemi u l-proċeduri legali tagħhom filwaqt li jadattaw sanzjonijiet doganali fl-iskali proposti. Fl-unjoni doganali, madankollu, l-eżistenza u l-livell tas-sanzjonijiet għal ċerti tipi ta' ksur ma għandhomx jiddependu fuq id-daqs tal-ekonomiji nazzjonali.*

*Il-Kamra tad-Deputati tqis li l-penali jistgħu jiġu stabbiliti biss fuq il-bażi tal-valur tal-oġġetti involuti u tesprimi tħassib li dan jista' jkollu effett sproporzjonat fuq l-ekonomiji l-aktar dgħajfa.*

*Il-Kummissjoni tixtieq ticċċara li l-valur tal-prodotti mhux se tkun l-uniku kriterju li jistabbilixxi s-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati għal ksur doganali. Skont l-Artikoli minn 9 sa 11 tad-Direttiva proposta (ara l-paragrafu (b) f'kull każ), meta l-ksur doganali ma jkunx marbut ma' oġġetti speċifiċi, il-multi pekunjarji li jiġu imposti jiġu ddeterminati ffirxa speċifika f'EUR.*

*Il-Kamra tad-Deputati targumenta li jkun aktar proporzjonat li l-multi pekunjarji jiġu bbażati fuq l-ammont ta' dazju fil-periklu. Filwaqt li tirrikonoxxi r-rilevanza tal-ammont ta' dazji fil-periklu, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li d-determinazzjoni tas-sanzjonijiet fuq il-bażi tal-valur tal-oġġetti tkun tirrappreżenta approċċ aktar komprensiv. Madankollu, l-impatt finanzjarju tad-dazji fil-periklu għandu jitqies bħala ċirkustanza pertinenti meta jiġu ddeterminati s-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati għal ksur doganali, kif previst fl-Artikolu 12(c) tad-Direttiva proposta.*

*Il-Kamra tad-Deputati tiddikjara li l-għan tal-armonizzazzjoni mħuwiex probabbli li jinkiseb f'ebda livell sinifikanti fin-nuqqas ta' definizzjoni tal-UE kollha ta' ċerti kunċetti legali (bħal "negliġenza" jew "responsabbiltà stretta") li mħumiex rikonoxxuti f'għadd ta' ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-kunċetti legali użati fid-Direttiva ma jkunux jeħtieġu definizzjoni mal-UE kollha billi huma kunċetti legali ġenerali użati ħafna fil-maġġoranza tal-Istati Membri u fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

*Il-Kamra tad-Deputati għandha diffikultajiet biex tipprevedi kif id-Direttiva jew se tippromwovi l-kooperazzjoni doganali jew ittejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku. Il-Kummissjoni tenfasizza n-natura transfruntiera tal-ksur doganali, li teħtieġ grad ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali li tkun difficiċċi ħafna mingħajr lista komuni ta' ksur doganali.*

*Barra minn hekk, il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tnissel għal ambjent elettroniku multinazzjonali fejn deċiżjoni meħħuda minn Stat Membru hija applikata fl-Istati Membri l-oħra kollha, fejn hi meħtieġa kooperazzjoni doganali aktar profonda. Il-lista komuni ta' ksur doganali u l-approssimazzjoni ta' sanzjonijiet doganali tippermetti infurzar xieraq tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fejn is-sistemi ta' sanzjonar doganali tal-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni li jkunu iżjed komparabbi milli huma attwalment minħabba d-diverġenza tar-regoli fost l-Istati Membri. Sistemi ta' sanzjonar doganali kumparabbi bħal dawn għandhom, għalhekk, jippermettu kooperazzjoni doganali aktar effiċċenti.*


*Id-diverġenzi attwali fir-rigward ta' sanzjonijiet doganali jippermettu lill-operaturi ekonomiċi biex jibbenefikaw minn regoli inqas stretti f'xi Stati Membri, u b'hekk jipperikolaw il-funzjonament tajjeb tal-unjoni doganali u s-suq intern billi tħalli lakuni fl-infurzar tal-liġi.*

*Fl-aħħar nett, il-Kamra tad-Deputati tqis li l-interpretazzjoni tal-bażi legali tal-proposta — l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea — hija mġebbda sal-limiti tagħha billi tipproponi regoli komuni armonizzati applikabbi għall-Unjoni kollha b'inqas spazju għal manuvrar, minkejja li l-istrument legali magħżul huwa Direttiva.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li d-Direttiva proposta tipprovdi punti komuni ta' referenza sabiex tissahħħa il-koperazzjoni doganali. Il-proposta tistabbilixxi lista komuni ta' ksur doganali fuq il-bażi ta' regoli armonizzati u l-obbligi stabbiliti permezz tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li tippermetti kooperazzjoni aktar konsistenti bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq il-bażi ta' terminoloġija komuni. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi wkoll skala ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjoni u dissaważivi li għandhom jiġu applikati, skont il-ksur. Madankollu, il-proposta tħalli lill-Istati Membri bizzżejjed flessibilità għall-applikazzjoni tagħha. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan. Il-proposta tarmonizza biss sal-punt li tiprovdi lista komuni ta' ksur doganali u skala komuni ta' sanzjonijiet, filwaqt li tħalli l-flessibbiltà għall-Istati Membri biex jorganizzaw proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi tagħhom, meta jimplimentaw id-Direttiva.*

*Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jindirizzaw it-tħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku tagħna fil-ġejjeni.*

*Għoddni dejjem tiegħek,*



Maroš Šefčovič  
Vice President